GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦALL-PROGRAMMI TA' TAGĦLIM U ASSESSJAR

# ĊIRKULARI

**Data:** 24 ta' April 2022 **Ref:** DLAP 122/2022

**Lill-:** Kapijiet tan-Netwerk tal-Kulleġġi u Kapijiet tal-Iskejjel Primarji u Medji tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti

**Mingħand:** David Muscat – Kap Eżekuttiv, Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

**Suġġett:** Il-Qaritona Nazzjonali 2022 – Parteċipanti Individwali

---

Il-Malta Trust Foundation u l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu għaddejjin bil-ħames edizzjoni tal-Qaritona Nazzjonali. Il-Qaritona qiegħda ssir bil-għan li nkomplu nrawmu iktar imħabba għall-qari fost it-tfal filwaqt li tingħata daqqa t'id lil min għandu bżonn, permezz ta' ġbir ta' fondi. It-tfal li jieħdu sehem f'din l-inizjattiva jiġu ppremjati għall-isforz tagħhom biex jaqraw u l-flus li jinġabru se jintużaw biex jinxtara apparat edukattiv għal tfal bl-awtiżmu li ma jkunux jistgħu jikkomunikaw bit-taħdit. Din l-inizjattiva qed tkun organizzata bis-sehem ta' Malta Public Transport.

Il-messaġġ ewlieni ta' din il-Qaritona huwa 'Aqra Kuljum, Kull Fejn Tkun!' Din l-inizjattiva se ddum għaddejja sa Ġunju 2022 u hija miftuħa għall-istudenti kollha tal-primarja jew medja mill-1 sat-8 sena.

L-Aġenzija qiegħda tagħti l-opportunità lit-tfal, li l-iskola tagħhom mhux qed tipparteċipa fil-Qaritona, biex jieħdu sehem xorta waħda fil-Qaritona Nazzjonali. **Il-ġenituri/kustodji ta' dawk it-tfal li jixtieqGu jipparteċipaw b'mod individwali għandhom jimlew il-formola online li tinsab hawn sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 29 ta' April 2022.**

L-Aġenzija se tibgħat kopja stampata tal-fuljett tal-Qaritona fl-indirizz indikat fil-formola.

Il-fuljett mimli għandu jittieħed l-Aġenzija jew jista' jinbagħat lura bil-posta, qabel id-data tal-għeluq tal-inizjattiva, fl-indirizz: 'L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu', Iċ-Ċentu Nazzjonali tal-Kurrikulu, Triq J. Abela Scolaro, Il-Ħamrun, ĦMR 1304

**Il-flus miġbura għandhom jiġu ddepożitati sa mhux iktar tard mill-Ġimgħa, 3 ta' Ġunju 2022, fil-kont bankarju tal-Malta Trust Foundation t'hawn taħt:**

| | |
|---|---|
| **F'isem min hu l-Kont** | The Malta Trust Foundation |
| **L-isem tal-Bank** | BNF Bank |
| **Swift Code** | BNIFMTMT |
| **IBAN** | MT78BNIF14502000000000697346101 |

Għal iktar tagħrif, jekk jogħġbok ċempel 2598 3324 jew żur l-paġna ta' Facebook *L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu*.

Grazzi tal-kooperazzjoni.

**Sandra Ebejer**
**Direttur,**
**Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar**